MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 494/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**John Mary Bonavia.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra John Mary Bonavia, bin Joseph u Carmela Spiteri, imwieled iż-Żejtun fit-3 ta' Settembru 1974 u li joqgħod 5 Alley 1 Triq Ta' Tavlin, Żejtun u li għandu l-karta tal-identita' li ġġib in-numru 551274(M)

Akkużat talli fit-18 ta' Marzu 2007 fi propjeta' bla numru fi Sqaq numru 1, Triq ta' Tavlin, Żejtun, mingħjar il-ħsieb li jsiraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lill-familja Spiteri miż-Żejtun fil-pussess ta' ħwejjiġhom, kif ukoll ħatt binja billi neħħa l-

ġebel li kien qed jimbarra l-bieb fl-istess fond, kif ukoll indaħal fi ħwejjiġhom; kif ukoll ikkaġuna ħsara volontarja fuq il-propjeta' tal-istess familja Spiteri.

Il-Qorti ntalbet li jekk issib lill-imputat ħati tapplika l-artikolu 383 għas-sigurta' tal-familja Spiteri kollha.

Rat ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fis-17 t'Ottubru 2012 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' €500 ai termini tal-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat jippristna kollox għal kif kien qabel fi żmien xahar mid-data tas-sentenza u dan ai termin tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ordnat ukoll sabie l-imputat ma jkellimx, idejjaq jew jimmolesta l-konjuġi Spiteri u membri oħra tal-familja tiegħu għal perjodu ta' sena u jħallas is-somma ta' elf Ewro ai termini tal-artikolu 383(2) tal-Kap 9. Il-Qorti ordant lill-imputat iħallas l-ispejjeż peritali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant intavolat fid-29 t'Ottubru, 2012 li fih l-aggravji li ġejjin:

1) Illi l-Ewwel Qorti m'għarblitx biżżejjed ir-rapport tal-Perit Arkitett Valerio Schembri illi lleda d-drittijiet tal-appellant fil-proċess ġudizzjarju. Fis-sentenza mkien m'hemm imsemmi li l-Perit Arkitett darbtejn semma li l-appellant ma kienx xehed. L-appellant jirreferi b'mod speċjali għal mod kif huma redatti t-tielet u r-raba' paragafu li tnejn jibdew bl-istess mod: 'L-imputat għażel li ma jixhidx.' Is-silenzju tal-appellant ma kellux jissemma fir-riżultanzi. L-Ewwel Qorti naqset li tinjora u ċċanfar dawn il-konklużjonijiet.

2) L-Ewwel Qorti ma kellhiex l-opprotunita' li tidħol fid-dettall fuq il-fatti tal-proċess. Il-Qorti naqset milli torbot t-tneħħija tal-imbarrar ma' xi għemil tal-appellant. M'hemm ebda prova li torbot dak li sar mal-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati skartat kompletament dak li jgħid il-Perit fis-sitt paragrafu 'Finalment jiġi rilevat illi ħadd mill-kwerelanti ma ra lill-imputat jidħol fil-maqjel jiftaħ l-aċċess C fuq il-pjanta Dok A u jagħmel it-taqlib muri fuq Dok PS 040701.' Barra dan l-Ewwel Qorti njorat il-fatt li kien paċifiku bejn il-partijiet li l-bibe kien ġie imbarrat mill-familja tal-appellant mhux biex ikun immarkat nuqqas ta' aċċess iżda sabeix ma jidħlux ġrieden. Fl-aħħarnett il-parti mmarkata B fuq il-pjanta tal-Perit, parti li hija msejħa l-maqjel, kienet mikrija lill-familja tal-appellant u allura ma kienx hemm xi leżjoni tad-drittijiet ta' ħadd ieħor.

Għalhekk intalbet ir-revoka tas-sentenza tas-17 t'Ottubru 2012 u l-liberazzjoni tal-appellant minn kull imputazzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

F'appelli ta' dan it-tip, fejn il-qofol tal-kwistjoni huwa l-apprezzament tal-fatti, din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kemm-il darba din tal-aħħar setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment.

Rat l-affidavit ta' PS 1004 C.Abela (fol 3) li fih jingħad li kienet marret tagħmel rapport Doris Spiteri fl-għassa taż-Żejtun li hija kienet imfixkla fil-pussess ta' ħwejjiġha fil-propjeta' bla numru ġwewwa l-isqaq numru 1 mill-appellant li kien fetaħ xi bieb sekondarju għal ġewwa l-propjeta' tagħha. Pauline Spiteri u Christopher Spiteri kienu iddikjaraw li ma ridux li jittieħdu passi bil-qorti iżda insistew li l-propjeta' kienet tgħajjat lilhom.

Rat ukoll il-kwerela a fol 4 tal-proċess

Ikkonsidrat

Skont ix-xhieda ta' Joseph Spiteri l-post in kwistjoni huwa tiegħu. Missieru kien jikri parti mill-post lill-appelalnt. Kien hemm bieb tal-ġebel u bieb warajh li ilu magħluq erbgħin sena u l-appellant fetħu fit-18 ta'Marzu 2007. Neħħa l-ġbel minn ġewwa u fetaħ u kisser u qalleb kull m'hemm. Erba' mdieri kienu sparixxew u għamel ħafna ħsara. Żewġ għorof kienu ilhom mimlijin bit-tiben erbgħin sena sħaħ.

Xehdet ukoll Doris Spiteri qalet li huma għandhom kamra twila magħluqa bil-katnazz. Marret tittawwal u ssib kollox imqalleb. Il-ħajt, li kien magħluq bil-ġebel kien imħott. Hija kienet għamlet katnazz ieħor u imbagħad semgħet ħafna għajjat. Hija kienet semgħet lill-imputat jgħid lil ommu 'X'ħasbet dik li ser tbeżżagħni billi reġgħet għamlet il-katnazz?' Il-ħajt seta' jħottu biss l-imputat għax ħadd ma seta' jidħol għax kien magħluq. Huma amrru għamlu rapport għand il-Pulizija. L-imputat beda jgħidilhom biex ma jidħlux 'hemm ġew' għax beda jallega li l-post mhux tagħhom.

Xehed ukoll Christopher Spiteri bin Joseph Spiteri. Dan qal li kienu sabu l-maqjel imqalleb. It-tieqa kienet imkissra wkoll. Huwa allega li l-ftuħ tal-bieb kien sar minn Jimmy Boavia (l-imputat).

Rat ir-rapport tal-Perit Arkitetett maħtur mill-Qorti b'digriet li ngħata fit-12 ta' Marzu, 2008 u li kien ippreżentat fit-18 t'April, 2011.

Rat in-Nota tal-kwerelanti a fol 41 u r-risposta tal-imputat a fol 43, liema noti kienu awtorizzati mill-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 2012.

Mri-rapport tal-Perit Arkitett jirriżulta li, barra l-bosta ritratti (fol 66 – 84) annessi mal-istess rapport, hemm ukoll pjanta tal-post (immarkata dok A) fejn huwa indikat b'mod ċar fejn kien il-bieb imbarrat bil-ġebel (ara ritratt a fol 96) u t-taqlib li kien hemm (fol 93).

Quddiem il-Perit xehdet Pauline Spiteri bint il-kweralnt Joseph Spiteri. Din qalet li kienet taf lill-imputat għax joqgħod bieb ma' bieb magħha. Il-fond li joqogħdu fih l-imputat u l-familja tiegħu huwa ta' missierha u huwa mikri lill-familja Bonavia. Bonavia jrabbi l-annimali u qabel kien irabbihom fil-bitħa li llum għamluha ġardina. Fil-kamra prinċipali kif tidħol, u cioe' dik li fiha kienu jitrabbew l-annimali fl-antik, hemm bieb laterali biswit il-ħajt ta' war. Dan il-bieb kienet tafu dejjem magħluq – imbarrat bil-ġebel -iżda waqt l-aċċess kien ikkonstatat miftuħ.

Il-kontro-eżami tagħha sar fis-27 t'Ottubru, 2009 (fol 127) fejn qalet li ma kenitx taf li l-ftehim tal-kera lil Bonavia sar ma' missier missierha. Il-bieb li kienet semmiet dejjem kien magħluq bil-ġebell u ċaħdet li kien hemm bieb jingħalqa b'ċavetta antika. Il-bieb li ien jagħti għall-isqaq qtt ma kien jingħalaq biċ-ċavetta. Il-katnazz dejjem kienu għamluh huma u ċ-ċwievet kienu għandhom. Hi ma kienet rat 'il ħadd jaqla' l-katnazz iżda kienet semgħet lill-imputa jgħid li minkejja li kienu waħħlu l-katnazz hu xorta kien ser jerġa' jaqilgħu. Hi semgeħt lill-imputa jgġid hekk meta l-imputat kien fl-isqaq u hi kienet fit-tieqa tad-dar tagħha. Ikkonfermat ukoll li meta marret iddġib is-sellum l-imputat kien qalilha l-kliem li kienet xehdet fuqu qabel u wkoll beda jidgħi. Kienet semgħet it-tkissier iżda ma ried 'il ħadd ikisser. L-affarjiet kien neħħihom l-imputat qabel ma kien amr il-Perit Tekniku fuq il-post. (fol 128)/

L-ewwel kien inqala' l-katnazz tal-bieb tal-kamra li jagħti għall-isqaq u sabu kull imkien imqalleb. Il-ġebel li jinborga l-bieb kien maqlugħ. (fol 96) Huma kienu għamlu katnazz ieħor. Il-ġebel ma reġax tpoġġa. Kienu rranġaw ġewwa iżda reġgħu sabuh imqalleb. Darba kienet aċċediet fil-kamra sabiex oġġib sellum u l-imputat beda jgħidilha biex toħroġ minn hemm għaliex hemm kien tiegħu. L-istess ġara drabi oħra bl-imputat jgħid li hemm ġew kien tiegħu. L-affarjiet li jidhru mkissrin fir-ritratt huma proprjeta' ta' missieru. Hija qalet li l-inċident seħħ fit-18 ta' Marzu 2007.

Xehed ukoll Joseph Spiteri (fol 102) li spjega li l-aprti D fuq il-pjanta kienet ġardina. Illum din il-parti tinsab imsaqqfa u hemm il-fniek. Il-parti B li tidher fuq il-pjanta hija tiegħu. Il-fetħa C kienet

imbarrata bil-ġebel għal madwar erbgħin sena. Huwa qal li l-imputa kien qala' l-ħajt u daħal. Huwa ma keinx hemm meta seħħ dan kollu u kienu nfurmawh martu u bintu.

Huwa xehed in kontro-eżami fid-19 ta' Novembru 2009 (fol 130). Huwa ċaħad li parti B li tidher fuq il-pjanta kienet inkriet minn missieru lill-familja Boanvia flimkien mal-fond fejn jgħixu llum. Il-ftehim ta' kirja kien sar bejn missier l-imputat u missier ix-xhud stess li kien jismu Joseph Spiteri ukoll. Jaf li dik il-kamra ma kenitx inkriet lil ta' Boanvia għax f'dik il-kamra kein jieħu ħsieb u kellu l-mogħoż.ġo fiha. Il-post fejn jgħixu ta' Boanvia ilu mikri erbgħin sena waqt li l-kera kienu jieħu ħsiebha x-xhud stess għal dawn l-aħħar erbgħin sena. Meta kien ikkonfrontat bil-verżjoni li kien hemm bieb ġo C u kien jinfetaħ min-naħa ta' Bonavia huwa qal li l-imputat kien kissru biex fetħu u qala' wkoll xi ġebel. Huwa kien sabu miftuħ wara li qaltlu l-mara u ma ra lil ħadd jiftħu. Il-bieb kien jinfetaħ min-naħa tal-maqjel fejn kein iħalli l-mogħoż. L-istalel keinu fil-maqjel pero' kien ġie sgassat biex infetaħ. Il-ġebel kien 'il barra mill-bieb lejn il-bitħa D. Il-bieb ma keinx fih muftieħ iżda kellu l-firrolli li kienu fuq in-naħa tal-maqjel. Huwa ċaħad li kein hemm xi serratura tal-muftieħ. Huwa qal li kien hemm bieb bejn A u B u min-naħa ta' Bonavia hemm il-ġebel. Inqalgħet purtella mill-bieb. Fl-aħħarnett huwa qal li l-akkwati kienu kollha ta' missieru u dan wara li kien minstqosi jekk il-kama kenitx post wieħed ma ta' Bonavia.

Fis-26 ta'Mejju 2009, xehdet ukoll quddiem il-Perit Doris Spiteri (fol 115). Hija qalet li fit-18 ta' Marzu 2007, l-imputat kien qala' l-ħajt tal-ġebel fejn kien hemm maqjel tal-mogħoż. Dan kien imblokka l-aċċess mill-mandra u cioe' minn għand l-imputat u l-maqjel tal-mogħoż – parti li kienet għandhom. Kienet taf li kien l-imputat għaliex wara li waħħlet katnazz kien sema' lill-imputat jgħid lil ommu 'dan ħasbet li ser tbeżżagħna?' Huma kienu rebħu l-kawża ċivili (li fil-mertu ma kellhiex x'taqsam mal-mertu ta' din il-kawża) u b'hekk beda linkwiet tal-familja tagħhom ma' dik tal-imputa. In-naħa tiegħu hemm bitħa li llum fiha xi kmamar bil-fniek u l-annimali. Wara li fetaħ il-ħajt rid jidħol u ma kinux ħallewh. Hu kien jgħidilha li hem kien tiegħu.

Fil-kontro-eżami li sar fis-27 t'Ottubru 2009, (fol 128) hija kkonfermat li ma kienx hemm bieb bl-istanga imma l-bieb kien imbarrat bil-ġebel. Hi ma kenitx rat lill-imputa jaqla' l-ġebel. Għal mandra kein hemm aċċess mill-isqaq. Hija kienet irrapurtat għax kienet semgħet id-diskors li xehdet dwaru u għaliex keient sabet il-ħajt maqlugħ. Il-bieb ma kienx jagħmel parti mill-fond mikri lil Boanvia.

Fl-4 ta' Marzu 2010 (fol 138) xehed Joseph Bonavia li qal li kien kera l-fond minn għand Ġużeppi Spiteri , missier il-kwerelant. Huwa qal li dan jinkludi kullimkien inkluż il-maqjel. Qal li maqjel ma setgħux jużawh għaliex kien fetaħlu bieb għal ġol-maqjel, liema bieb jagħti għal fuq l-isqaq. Dan il-bieb infetaħ snin ilu. Wara li nfetaħ dan il-bieb mela l-maqjel bit-tiben. Huwa silfu lix-xiħ għax ix-xiħ

kien il-proprjetarju u wara li l-kamra kien fiha t-tiben ma użawhiex aktar. Meta ħarġu t-tiben ma użawhiex akatr u dan għaliex kieent imsakkra minn barra permezz ta' katnazz.

Fil-kontro-eami huwa qal qal li ma kienx jgħaddi mill-bieb li hemm bejn ilp-mandra u l-maqjel u lanqas vice versa. Fuq il-naħa tal-maqjel kien hemm firroll.

Huwa żied jgħid hekk:

***'Ngħid li fetħu t-tifel tiegħi għax irabbi l-fniek. Il-fniek kienu dejjem fil-mandra u kienu msakkrin. Mistqosi t-tifel fetaħx il-bieb bejn il-mandra u l-maqjel ngħid li ma nafx. Ngħid li ma kontx hawn. Ma jidhirlix li fetaħ bibien.'*** (fol 140)

Fil-15 t'April, 2010 xehdet Catherine Muscat li qalet li l-fond ta'ommha , li jikkonsisti fid-dar, fil-maqjel u fil-mandra, kien mikri minn għand Ġużeppi Spiteri llum mejjet. Meta kienu tfal kienu jilagħbu fil-maqjel. Ġużeppi Spiteri kienu talabhim isellfuh il-maqjel u kienu jużawh it-tnejn.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-maqjel kellu bieb mid-dar tagħhom iżda dan illum jisnab imbarrat u ilu mbarrat għal tletin sena. F'għoxrin sena ma kienu daħlu qatt u qatt ma tlabu ċ-ċavetta. Il-bieb bejn ilp-mandra u l-maqjel kien fih apertura. Hi ma qablitx li bieb kein maqful min-naħa tal-maqjel.

Hija żiedet tgħid:

***'L-akkużat huwa ħija. Ngħid li darba ħabulu l-fniek u daħal fil-maqjel għalihom. Ngħid li ħija daħal jaqbad il-fniek li ħarbu u reġa' ħareġ. L-unika darba li naf li daħal u ħareġ kien dak in-nhar li ma kienx it-18 ta' Marzu 2007. Lanqas ma kien ħatt xi ġebel biex daħal għall-fniek***.'

**Punt ta' Liġi.**

L-appellant huwa akkużat taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9 li jkopri r-reat ta' ragion fattasi. Fis-sentenza tal-15 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Michael Lungaro et' kien intqal dan li ġej dwar l-elementi tar-ragion fattasi:

'L-elementi tar-reat ta' ragjon fattasi  gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta ,li l-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgħa u ċioe' :-

a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi ħaġa li jkun qed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni espressa jew preżunta ta' dan il-ħaddieħor;

b) il-kredenza li l-att qed isir fl-eżerċizzju ta' dritt;

ċ) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u

d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi . (ara Appelli Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Farrugia (17.2.1995) , "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" (6.6.1995) , "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri " (18.9.2002) u oħrajn.

Mill-provi jirriżulta li l-proprjetarju tal-post kien missir il-kwerelant Joseph Spiteri.  Ma jirriżultax  li huwa kontestat li f'xi mument, żmien twil sewwa ilu, missier il-kwerelant kien wasal f'xi forma ta' ftehim li juża l-kamra in kwistjoni.  Din baqgħet imbagħad f'idejn il-kweralant.

Għandu jingħad li bħal fil-kawża ta' spoll f'azzjoni ċivili, il-'pussess' tal-ispoljat jista' jkun minimu.  Effettivament fiċ-ċivil anke l-kerrej huwa tutelat kontra din l-azzjoni.  Jekk missier il-kwerelant kien il-propjetarju, ukoll jekk wara sar xi ftehim biex juża l-kamra hu, xorta huwa tutelat ċivilment.   Mil-lat tal-artikolu 85 tal-Kap 9, jekk ħadd ieħor jaħseb li għandu xi dritt – anke jekk hi parti minn kirja – li jaqbad u jidħol, xorta dan ma jistax jagħmlu.  L-iskop tal-artikolu 85 huwa l-istess bħal dak tal-actio spollii – biex ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh.

Mill-provi jirriżulta ċar li l-maqjel kien qed jintuża mill-kwerelanti Spiteri. (Ara b'mos speċjali x-xhieda ta' Joseph Bonavia, missier l-imputat).

**Dwar l-ewwel aggravju.**

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet li saru mill-appellant dwar l-ewwel aggravju. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet tagħha l-konklużjonijiet peritali ma jfissirx li l-Qorti jew il-perit arkitett b'xi mod kiser id-dritt tal-imputat għas-silenzju. Filp-konklużjonijiet tiegħu, i l-Perit arkitett imkien ma jgħid li l-appellant huwa ħati. Fil-fatt fis-sitt paragrafu, li huwa l-aħħar wieħed mill-konklużjonijiet hwua jgħid hekk:

*'Finalment jiġi relevat li ħadd mill-kwerelanti ma ra lill-imputat jidħol fil-maqjel, jiftaħ l-aċċess C fuq il-pjanta Dok A u jagħmel it-taqlib muri fuq dok PS 040701. Joseph Spiteri jgħid li infurmawh bintu u martu b'dak li kien ġara. Pauline Spiteri u Doris Spiteri jgħid xi diskors fir-rigward fl-isqaq. Pauline Spiteri tgħid li semgħet it-tkissir. Oħt il-kwerelant Catherine Muscat tgħid li ma kenitx hemm u qagħdet fuq dak li qaltilha ommha. Joseph Boanvia l-ewwel jgħid li ibnu l-imputat kien fetaħ l-aċċess C u wara jgħid li ma jafx.' (fol 62).*

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-paragrafu huwa sommarju ekwilibrat tal-provi.

Id-difiża tissottometti li l-Perit Arkitett għal darbtejn jgħid li l-imputat għażel li ma jixhidx. Bir-rispett kollu dina hija tip ta' nota li nsibu f'ħafna mis-sentenzi mogħtijin kemm mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Iżda barra dan kollu, il-Qorti tal-Maġistrati ġibdet il-konklużjonijiet tagħha billi kkowtota dak li xehdet Doris Spiteri fil-5 t'Ottubru, 2007 kif ukoll dak li qalet oħt l-appellant – jiġifieri Catherine Muscat. Anzi qalet ċar dan li ġej:

''Illi nonstante għandu jiġi rilevat illi ħadd mill-kwerealnti ma ra lill-imputat jdiħol fil-maqjel, dina l-Qorti tagħmel żewġ konstatazzjonijiet ferm importanti.'

Id-difiża, saħansitra fin-Nota li kienet ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati, dejjem saħqet fuq punt – li ħadd ma ra lill-appellanti dieħel.

Iżda f'din is-sitwazzjoni wieħed irid iżomm jikkonsidra li dak kollu li jgħid l-imputat huwa validu bħala prova u mhux 'hearsay evidence'. (Ara wkoll l-artikolu 658 tal-Kap 9). Il-Qorti tal-Maġistrati ma qagħditx fuq dak li qal ħadd ieħor lil xi xhud, saħansitra dak li qal il-kwerelant innifsu. Imma setgħet tuża dak li semgħet jgħid lill-appellant jgħid lil ommu kif ukoll dak li qal lilha dirett. Hawn il-Qorti

qed tirreferi għal kliem użat mill-imputat meta Doris Spiteri marret iġġib sellum u qalilha biex titlaq minn hemm għax ma kienx tagħhom.

Iżda għad fadal x'qal missier l-appellant stess. Dan l-ewwel qal li ibnu kien fetaħ il-bieb u imbagħad biddel id-diskors. Ma jistax ikun li wieħed jinjora dak li qal missier l-appellant stess.

Din il-Qorti lanqas ma hi persważa minn kif Catherine Muscat, oħt l-imputat, dawret id-diskors. Filli qed tgħid li ħuha kien daħal u filli qed tasserixxi li dan sar mhux fid-data indikata.

**Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma kienx każ fejn inkiser id-dritt tas-silenzju tal-appellant u għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju**.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju huwa varjazzjoni tal-ewwel wieħed. Biss din id-darba, l-appellant qed jikkwota b'approvazzjoni dak li qal il-Perit dwar li ħadd ma ra lill-imputat jidħol fil-maqjel.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għall-kummenti u konklużjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju. Li kieku kull reat jinħtieġ li xi ħadd jara lill-akkużat iwettqu, kieku ħafna persuni li jwettqu reati joħorġu liberati. Ħadd ma ser jitlob il-preżenza ta' xi persuna jew xi kamera waqt li jwettaq reat. Għalhekk il-provi jistgħu jsiru mod ieħor kif intwera taħt l-ewwel aggravju. Ma jistax ikun kumbinazzjoni li missier u oħt l-appellant jixhud fuq dħul tal-imputat fil-post imsemmi kif ukoll li fl-istess ħin Doris Spiteri tixhed x'semgħet lill-appellant jgħid lil ommu u l-mod kif kellem lilha stess. Dawn l-erba' elementi f'daqqa huma prova biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija.

Lanqas ma tista' din il-Qorti taċċetta t-tieni punt tat-tieni aggravju li l-bieb kien 'imbarrat bil-ġebel mhux biex jiġi mmarkat nuqqas ta' aċċess iżda biex ma jidħlux ġrieden.'

Għal darb'oħra jingħad li bir-rispett kollu, kien x'kien il-ftehim, ma jistax wieħed jaqbad u jneħħi dak li kien qed nbena jew tpoġġa mingħajr il-ftehim tal-parti l-oħra.

Lanqas ma huwa konviċenti l-punt li l-fond kollu kien mikri lill-appellant. Ġaladarba għal żmien twil, imqar bi ftehim bonarju, dik il-parti tal-fond kienet qed tintuża mill-kweralanti, id-dritt tagħhom –

imqar jekk wieħed tenwu – huwa tutelat ai fini tal-artikolu 85 tal-Kap 9. Dottrinalment u legalment ma jistax ikun mod ieħor minħabba li huwa mistenni l-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu jimxu mas-saltna tad-dritt.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.**

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi li l-erba' elementi tal-artikolu 85 huma kollha sodisfatti mill-provi miġbura għaliex l-appellant mhux biss daħal fil-post iżda wkoll kien jaf li, għalih kien jaf kien qed jagħmlu bi dritt, kien jaf ukoll li kien qed jagħmel xi ħaġa li ħtieġet l-intervent ta' awtorita' pubblika, u kien jaf ukoll li l-kwerelanti kienu propjetarji u tal-inqas kienu qed jeżerċitaw dritt prekarju.**

**Isegwi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li għamlet kemm legalment kif ukoll raġonevolment.**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-17 t'Ottubru 2012 fost elementi oħrajn hemm l-obbligu tal-ħlas tal-multa ta' ħames mitt Ewro (€500). Din tista' titħallas fi żmien sitt xhur mil-lum.**

**Sabiex jippristina kollox kif kien qabel, ix-xahar mogħti fl-ewwel sentenza għandu jibda jgħaddi min-nofs il-lejl ta' llum.**

**L-obbligazzjoni li l-appellant ma jimmolestax lill-konjuġi Spiteri u l-membri tal-familja tiegħu għal żmien sena taħt rabta ta' ħlas ta' elf Ewro (€1000) jekk l-obbligazzjoni ma tkunx osservata tibda għaddejja minnufih.**

**Fl-aħħarnett l-appellant irid iħallas l-ispejjeż tal-perit arkitett fi żmien xahar.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------